

Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

► **B**

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-30 ta' Jannar 2004

dwar it-tħollija barra ta' ċerti sustanzi attivi fl-Anness I għad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u l-irtirat ta' awtorizzazzjonijiet għal prodotti ta' ħarsien tal-pjanti li fihom ikun hemm dawn is-sustanzi

(notifikata bid-dokument numru K(2004) 152)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2004/129/KE)

(ĠU L 37, 10.2.2004, p. 27)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
► <u>M1</u>	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Numru 835/2004 tat-28 ta' April 2004	L 127	43	29.4.2004
► <u>M2</u>	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1335/2005 tat-12 ta' Awwissu 2005	L 211	6	13.8.2005



ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-30 ta' Jannar 2004

dwar it-tħollija barra ta' ċerti sustanzi attivi fl-Anness I għad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u l-irtirat ta' awtorizzazzjonijiet għal prodotti ta' ħarsien tal-pjanti li fihom ikun hemm dawn is-sustanzi

(notifikata bid-dokument numru K(2004) 152)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2004/129/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 dwar it-tpoġġija fis-suq ta' prodotti tal-ħarsien tal-pjanti⁽¹⁾, kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2003/119/KE⁽²⁾, u l-aktar ir-raba' sotto-paragrafu ta' l-Artikolu 8(2) tiegħua,

Billi:

- (1) L-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 91/414/KEE jipprovdi li Stat Membru jista', matul perjodu ta' 12-il sena wara n-notifika ta' dik id-Direttiva, jawtorizza t-tpoġġija fis-suq ta' prodotti ta' ħarsien tal-pjanti li fihom ikollhom sustanzi attivi li, għalkemm ma jkunux jidhru fil-lista fl-Anness I għal dik id-Direttiva, ikunu ilhom diġà fis-suq sentejn minn wara d-data tan-notifika. Bħalissa daww is-sustanzi qed jiġu eżaminati gradatament fil-qafas ta' programm ta' ħidma.
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1112/2002⁽³⁾ iwaqqaf ir-regoli dettaljati għat-tweqqif tar-raba' taqsimu tal-programm ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 91/414/KEE. Is-sustanzi attivi tar-raba' taqsimu, li għalihom ma ġiet avżata l-ebda rabta biex jitħejjew aktar id-dokumenti meħtieġa, għandhom jitniżżlu fl-Anness I għad-Direttiva 91/414/KEE. L-Istati Membri għandhom jirtiraw l-awtorizzazzjonijiet kollha għall-prodotti tal-ħarsien tal-pjanti li fihom ikun hemm dawn is-sustanzi attivi. L-Anness I għal din id-Deċiżjoni jipprovdi lista ta' sustanzi attivi li jaqgħu f'din il-kategorija.
- (3) Ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 451/2000⁽⁴⁾ u (KE) Nru 1490/2002⁽⁵⁾ iwaqqfu r-regoli dettaljati għat-tweqqif tat-tieni u tleat taqsimiet tal-programm ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 91/414/KEE. Is-sustanzi attivi li għalihom għadu ma ntabgħat l-ebda dokument komplut jew li għalihom minn qed javża ddikjara li mhux se jilħaq jibgħat id-dokumenti fil-limitu ta' żmien stabbilit, m'għandhomx jitniżżlu fl-Anness I għad-Direttiva 91/414/KEE, waqt li l-Istati Membri għandhom jirtiraw l-awtorizzazzjonijiet kollha għall-prodotti tal-ħarsien tal-pjanti li fihom ikun hemm dawn is-sustanzi attivi. L-Anness I għal din id-Deċiżjoni jagħti lista ta' sustanzi attivi li jaqgħu f'din il-kategorija.
- (4) It-tagħrif li ġie ppreżentat dwar uħud minn daww is-sustanzi attivi kien eżaminat mill-esperti tal-Kummissjoni flimkien ma' daww ta' l-Istati Membri; dan wera l-bżonn li s-sustanzi kkonċernati għandhom bżonn jintużaw aktar. F'daww il-każijiet, għandu jkun hemm miżuri temporanji biex ikun jista' jseħħ l-iżvilupp ta' sustanzi alternattivi.

⁽¹⁾ ĠU L 230, 19.08.91, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 325, 12.12.03, p. 41.

⁽³⁾ ĠU L 168, 27.06.02, p. 14.

⁽⁴⁾ ĠU L 55, 29.02.00, p. 25.

⁽⁵⁾ ĠU L 224, 21.08.02, p. 23.

▼B

- (5) Għal dawk is-sustanzi attivi, li għalihom hemm biss perjodu qasir ta' avviż bil-quddiem għall-irtirat ta' prodotti tal-ħarsien tal-pjanti li fihom hemm dawn is-sustanzi, ikun għaqli li jingħata perjodu ta' grazzja għad-disponiment, il-ħażna, it-tpoġġija fis-suq u l-użu tal-ħażniet li hemm bħalissa għal perjodu ta' mhux aktar minn 12-il xahar, biex il-ħażniet li hemm bħalissa jkunu jistgħu jintużaw f'mhux aktar minn perjodu wieħed ta' tkabbir. F'każijiet fejn jingħata perjodu ta' avviż bil-quddiem itwal, dan il-perjodu ma jistax jiqsar biex jintemm fl-aħħar ta' l-istaġun tat-tkabbir.
- (6) Il-miżuri li hemm f'din id-Deċiżjoni huma fi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti fuq il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Animali,

ADDOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-sustanzi attivi li huma mniżżla fl-Anness I għal din id-Deċiżjoni għandhom jitniżżlu fl-Anness I għad-Direttiva 91/414/KEE.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorizzazzjonijiet għal prodotti tal-ħarsien tal-pjanti li fihom ikun hemm is-sustanzi attivi mniżżla fl-Anness I għal din id-Deċiżjoni, jiġu ritirati kollha sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2004.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri li huma mniżżla fil-kolonna B ta' l-Anness II jistgħu, sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2007, iżommu l-awtorizzazzjonijiet għal prodotti tal-ħarsien tal-pjanti li fihom ikun hemm is-sustanzi mniżżla fil-kolonna A ta' dak l-Anness għall-użi mniżżla fil-kolonna α ta' dak l-Anness. Dan biex ikunu jistgħu jiġu żviluppatti alternattivi effiċjenti għas-sustanza koperta.

L-Istati Membri li jagħmlu użu mid-deroga mogħtija fl-ewwel sotto-paragrafu għandhom jiżguraw li jkunu mħarsa l-kondizzjonijiet li ġejjin:

- (a) l-użu ssuktat ikun aċċettat biss sakemm dan ma jagħmel l-ebda ħsara fuq is-saħħa tal-bniedem jew ta' l-animali u lanqas ma jkollu effetti ħżiena u mhux aċċettabbli fuq l-ambjent;
- (b) il-prodotti tal-ħarsien tal-pjanti li jibqgħu fis-suq wara l-31 ta' Marzu 2004 jiġu ttikkettjati mill-ġdid biex ikunu jistgħu jitqabblu l-kondizzjonijiet ta' l-użu ristrett;
- (ċ) ikunu imposti l-miżuri ta' titfija kollha possibbli biex jitnaqqas kull riskju possibbli;
- (d) l-alternattivi għal dawn l-użi jkunu tabilħaqq qed jiġu ssuktati.

3. Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2004, l-Istat Membru kkonċernat għandu jgħarraf lill-Kummissjoni dwar il-miżuri meħuda fit-tisħiħ tal-paragrafu 2, u l-aktar dwar il-wetqiet meħuda fu qbil mal-punti (a) sa (d).

Artikolu 3

Kull perjodu ta' grazzja li jingħata mill-Istati Membri fi qbil ma' l-Artikolu 4(6) tad-Direttiva 91/414/KEE għandu jkun kemm jista' jkun qasir.

Fejn l-awtorizzazzjonijiet jitneħħew fi qbil ma' l-Artikolu 2(1) sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2004, il-perjodu għandu jintemm sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2004.

Fejn l-awtorizzazzjonijiet jitneħħew fi qbil ma' l-Artikolu 2(2) sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2007, il-perjodu għandu jintemm sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2007.

▼B

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.



L-ANNEX I

Lista ta' sustanzi attivi msemmija fl-Artikolu 1

PARTI A

Sustanzi koperti bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 703/2001 (it-tieni taqsima tal-programm ta' ħidma)

Methidathion

PARTI B

Sustanzi li huma koperti bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1490/2002 (it-tielet taqsima tal-programm ta' ħidma)

Sinosulfuronju

Clofencet

Klorflurenolju

Flamprop-M

Flurenolju

Hexaflumuronju

Imazethapyr

Nwarimolju

Primisulfuronju

Pretilaklorju

Kwinklorakju

Streptomycine

Tridemorfju

Triadimefonju

PARTI Ċ

Sustanzi li huma koperti bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1112/2002 (ir-raba' taqsima tal-programm ta' ħidma)

A. Sustanzi kimikali attivi

Aċetat ta' (4E-7Z)-4,7-Tridecadien-1-yl

(4Z-9Z)-7,9-Dodecadien-1-ol

Aċetat ta' (E)-10-Dodecenyl

Aċetat ta' (Z)-3-Methyl-6-isopropenyl-3,4-decadien-1-yl

Aċetat ta' (Z)-3-Methyl-6-isopropenyl-9-decen-1-yl

Aċetat ta' (Z)-5-Dodecen-1-yl

(Z)-7-Tetradecanole

(Z)-9-Tricosene

Aċetat (Z,Z) Octadienyl

2-Propanol

3,7-Dimethyl-2,6-octadienal

4-chloro-3-methylphenol

7,8-Epoxi-2-methyl-octadecane

7-Methyl-3-methylene-7-octene-1-yl-propionate

Baæjjiet Akridiniċi

Klorat ta' l-ammonja ta' l-alkyldimethybenzyl

▼B

Klorat ta' l-ammonja ta' l-alkyldimethylethylbenzyl
Idrossidu ta' l-ammonja
Sulfat ta' l-ammonja
Nitrat tal-Barju
Bifenil
Bromethalin
Kalċiferolju
Ċjanur tal-kalċju
Ossidu tal-kalċju
Fosfat tal-kalċju
Kloridrat tal-poly (imino imido biguanidine)
Klorofilina
Kolekalċiferolju
Klorat tal-Kolin
Coumachlor
Coumafuryl
Coumatetralyl
Krimidina
Difethialone
Klorat ta' l-ammonja tad-Dioctyldimethyl
Diphacinone
Ethanethiol
Ethylhexanoate
Flocumafen
Fluoroacetamide
Aċidu Sebakiku
Serricornin
Karbonat tas-sodju
Klorat tas-sodju
janur tas-sodju
Dimethylarsinate tas-sodju
Idrossidu tas-sodju
o-benzyl-p-chlorphenoxide tas-sodju
Propjonat tas-sodju
p-t-amylphenoxide tas-sodju
Tetraborat tas-sodju
Estratt taż-żrieragħ tas-soja
Żejt taż-żrieragħ tas-soja, epossilat
Strychnine
Żjut tal-qatran
Sulfat tat-tallju
Thiourea
trans-6-Nonen-1-ol
Trimedlure

▼ B

Ċjanur ta' l-idroġenu
Isoval
Aċidu laktiku
Bromidju tal-Lauryldimethylbenzylammonium
Klorat tal-Lauryldimethylbenzylammonium
Fosfat tal-ġir
Methyl-*trans*-6-nonenoate
Naftalina
Nitroġenu
Klorat ta' l-ammonja ta' l-octyldecyldimethyl
Estratt tal-basal
Papajina
Aċetat tal-p-Cresyl
p-Dichlorobenzene
Ferodim
Aċidu fosforiku
Żjut tal-pjanti/żejt tal-ġewæa ta' l-Indji
Żjut tal-pjanti/żejt tal-qamħirrum
Żjut tal-pjanti/żejt tal-karawett
Sorbit tal-potassju
Pronumonju
Aċidu propjoniku
Pyranocumarin
Komposti ta' l-ammonja kwaternarja
Scilliroside
Scilliroside
Likur tal-qamħ

B. *Mikro-organismi*

Aschersonia aleyrodis
Il-virus ta' l-Agrotis segetum granulosis
Il-virus tal-Mamestra brassica polyhedrosis nukleari
Virus tal-mużajk tat-tadam

▼ B

L-ANNEX II

Lista ta' awtorizzazzjonijiet msemija fl-Artikolu 2(2)

Kolonna A	Kolonna B	Kolonna Ċ
Sustanza attiva	Stat Membru	Użu
▼ <u>M2</u> Alkyldimethylbenzyl ammonium chloride	Belġju	Diżinfettar tal-kmamar u ta' l-apparat fejn jikber il-faqqiegħ
	Franza	Diżinfettar ta' l-uċuh tas-serer u ta' l-apparat
▼ <u>B</u> Sinosulfuronju	Spanja	Ross
	L-Italja	Ross
Flamprop-M	L-Awstrija	Qamħ tar-rebbiegħa, Xgħir tar-rebbiegħa, Qamħ tax-xitwa, Xgħir tax-xitwa,
	Id-Danimarka	Xgħir tar-rebbiegħa
Hexaflumuronju	Il-Portugall	Citrus
	Spanja	Pinus
Methidathion	Franza	Tuffieħ, lanġas, għanbaqar, ċitru żejt taż-żerriegħa tal-liftija
	Il-Ġermanja	Żebbuġ
	L-Italja	Tuffieħ,
	Il-Portugall	lanġas, ħawħ, żebbuġ, dwieli, ċitru, mang u custard apple
	Spanja	Żebbuġ, tuffieħ, lanġas
	Il-Greċja	Ċitru, żebbuġ
	▼ <u>M1</u> Ċipru	ċitru u żebbuġ, applikazzjoni fix-xitwa ta' siġar tal-frott li jwaqqgħu l-weraq
L-Islovakkja	Tuffieħa, berquqa, għenba, lanġasa, ħawħa, għanbaqra, ornamentali	
▼ <u>M2</u> Pretilachlor	Franza	Ross
	Greċja	Ross
	L-Italja	Ross
▼ <u>B</u> Kwinklorajku	Spanja	Ross
	Il-Greċja	Ross
	Portugal	Ross
	L-Italja	Ross
Triadimefonju	L-Isvezja	Frawli li jitkabbar fl-għelieqi Tadam u ħjar tas-serra